Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2023/0108(COD)

7.9.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti
(COM(2023)0208 – C9-0137/2023 – 2023/0108(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Josianne Cutajar

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 15

ANNEX: LIST OF ENTITIES OR PERSONS FROM WHOM THE RAPPORTEUR HAS RECEIVED INPUT 16

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti (COM(2023)0208 – C9-0137/2023 – 2023/0108(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0208),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9 0137/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0. / Għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-Unjoni għall-attakki ċibernetiċi u biex tiġi evitata kwalunkwe vulnerabbiltà fis-suq tal-Unjoni, dan ir-Regolament se jikkomplementa l-qafas regolatorju orizzontali li jistabbilixxi rekwiżiti komprensivi taċ-ċibersigurtà għall-prodotti kollha b'elementi diġitali f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*+], u jistabbilixxi rekwiżiti essenzjali għas-servizzi taċ-ċibersigurtà ġestiti, l-applikazzjoni tagħhom u l-affidabbiltà tagħhom.

[*] Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ...

(ĠU ...).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2022/0272(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti, servizzi li jikkonsistu fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, kisbu importanza dejjem akbar	(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti, ***li huma*** servizzi li jikkonsistu fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, ***inkluż għall-prevenzjoni, id-***

fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, il-forniturі ta' dawk is-servizzi jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-forniturі tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu***, jidentifikaw***, jirrispondu jew jirkupraw ***mill-inċidenti***. Madankollu, il-forniturі tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attakki ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

detezzjoni, ir-rispons għall-inċidenti u l-irkupru minnhom, kisbu importanza dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. ***L-attivitajiet tal-forniturі ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti jikkonsistu f'servizzi relatati mal-identifikazzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni, ir-rispons u l-irkupru, inkluż, iżda mhux limitat għal, il-forniment ta' intelligence dwar it-theddid ċibernetiku, il-monitoraġġ tat-theddid f'ħin reali permezz ta' tekniki proattivi, inkluż is-sigurtà sa mit-tfassil, il-valutazzjoni tar-riskju, id-detezzjoni estiża, ir-rimedju u r-rispons.*** Għaldaqstant, il-forniturі ta' dawk is-servizzi jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-forniturі tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu ***u jiskopru l-inċidenti***, jirrispondu ***għalihom*** jew jirkupraw ***minnhom***. Madankollu, il-forniturі tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attakki ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

[8] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333,

[8] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333,

27.12.2022, p. 80).

27.12.2022, p. 80).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' dawn is-servizzi, speċjalment għal atturi iżgħar, bħall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li spiss ikunu aktar suxxettibbli għal ksur taċ-ċibersigurtà b'implikazzjonijiet finanzjarji, legali, reputazzjonali u operazzjonali.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-tkabbir ta' suq tal-Unjoni affidabbli, filwaqt li jinħolqu wkoll sħubijiet ma' pajjiżi terzi tal-istess fehma, inkluż fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ++ fir-rigward tal-aċċess għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, il-proċess taċ-ċertifikazzjoni stabbilit fil-qafas stabbilit b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ssimplifikat biex jiġu żgurati r-rikonoxximent internazzjonali u l-allinjament mal-istandards internazzjonali.
	**** Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament***

Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ...

(ĠU ...).

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2023/0109(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Bl-għan li jiġi żgurat l-iżvilupp ta' suq tal-Unjoni affidabbli għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, jenħtieġ li l-forniturituagħhom u l-Istati Membri jikkollaboraw u jikkontribwixxu għall-ġbir ta' data fuq skala kbira dwar l-istat u l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol taċ-ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) Approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha biex isaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika huwa bbażat fuq il-bini tal-kapaċità tal-Istati Membri. Kif rikonoxxut fil-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 dwar "Inxejnu d-distakk tat-talent fiċ-ċibersigurtà biex nixprunaw il-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tal-UE", is-sigurtà tal-Unjoni ma tistax tkun garantita mingħajr l-aktar assi prezzjuż tal-UE: niesha. Għalhekk, kwalunkwe skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tqis l-assistenza għall-Istati

Membri, inkluż fir-rigward tad-distakk tal-ħiliet fiċ-ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5d) Fid-dawl tal-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid l-iskambji mal-ENISA u tiffaċilita d-djalogu mal-Istati Membri, mas-settur privat u mal-akkademja, sabiex tifhem aħjar il-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u tal-ħiliet assoċjati.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 5e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5e) Bil-ħsieb li l-iskemi Ewropej taċ-ċibersigurtà jkunu jistgħu jiċċertifikaw li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jkunu ġew evalwati f'konformità ma' tali skemi jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' sigurtà speċifikati, inkluż fir-rigward tal-forniment kontinwu tagħhom bil-kompetenza, l-għarfien espert u l-esperjenza meħtieġa minn persunal b'livell għoli ħafna ta' għarfien tekniku rilevanti u integrità professjonali f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-iskemi jimmobilizzaw il-kontribut tal-akkademja, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u partijiet ikkonċernati oħra li jkollhom l-esperjenza biex iħarrġu lill-professjonisti taċ-ċibersigurtà, u jattiraw,

jirreklutaw, u jiżviluppaw it-talent, kif ukoll jinċentivaw sħubijiet pubbliċi-privati. Jenħtieġ li jaġixxu bħala faċilitatur biex jiġbru flimkien l-ideat u jikkondividu l-għarfien espert dwar it-taħriġ u jivvalutaw aħjar il-ħiliet meħtieġa, speċjalment matul il-proċess ta' reklutaġġ. Flimkien mal-kontribut għall-iskema, is-settur privat jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jipprovdi taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jindirizza l-aktar ħiliet imfittxija, u jinvolvi l-amministrazzjoni pubblika u n-negozji żodda, kif ukoll il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 5f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5f) Sabiex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti essenzjali u ta' kwalità għolja, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu b'mod attiv miżuri biex iħarrġu u jżommu t-talent, inkluż permezz tal-integrazzjoni taċ-ċibersigurtà fi programmi edukattivi u ta' taħriġ, filwaqt li jiżguraw aċċess għal apprendistati u traineeships għaż-żgħażagħ, speċjalment persuni li jgħixu f'reġjuni żvantaġġati, bħal gżejjer, żoni skarsament popolati, rurali u remoti. Dawk il-miżuri jenħtieġ ukoll li jkollhom fil-mira l-fatt li jattiraw aktar nisa u bniet fil-qasam u jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 2 – punt 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14a) "servizz tas-sigurtà ġestit" tfisser servizz li jikkonsisti fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, ***inkluż*** ir-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza***"***;	(14a) "servizz tas-sigurtà ġestit" tfisser servizz ***esternalizzat*** li jikkonsisti fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, ***inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni,*** ir-rispons għall-inċidenti ***jew l-irkupru minnhom***, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza;

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 47 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) allinjament minn qabel mal-istandards internazzjonali applikabbli;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 47 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) il-kontribut tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti biex joffri opportunitajiet ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet lill-persunal bl-għan li jikseb livell għoli ħafna ta' għarfien tekniku rilevanti u

integrità professjonali.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 47 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti speċifiċi fil-programm ta' ħidma kontinwu tal-Unjoni għandha, fejn rilevanti, tqis il-kontribut tal-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti biex isir it-taħriġ u jiġi attirat it-talent, speċjalment permezz ta' sħubijiet ma' universitajiet u istituzzjonijiet edukattivi oħra.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 49 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-iskema kandidata għandha tiġi żviluppata billi jitqies kwalunkwe input mogħti mis-sistema Ewropea għall-istandardizzazzjoni teknika jew mill-aġenziji settorjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 51a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar li l-fornitur ikollu fis-seħħ proċeduri interni xierqa biex jiżgura li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti jingħataw b'livell għoli ħafna ta' kwalità f'kull ħin;	(b) l-iżgurar li l-fornitur ikollu fis-seħħ proċeduri interni xierqa biex jiżgura li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti jingħataw b'livell għoli ħafna ta' kwalità ***u affidabbiltà*** f'kull ħin;

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b – punt ii – punt bb
Regolament (UE) 2019/881
Artikolu 56 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tqis ***kull*** implimentazzjoni, miżura u perjodu tranżizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt possibbli ***tal-miżuri*** fuq il-manifatturi jew il-forniturituri tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, tal-proċessi tal-ICT, jew tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, ***inkluż l-SMEs;***;	(d) tqis ***kwalunkwe skadenza ta'*** implimentazzjoni, ***u*** miżura u perjodu tranżizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt possibbli ***tal-miżura*** fuq il-manifatturi jew il-forniturituri tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, tal-proċessi tal-ICT, jew tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, ***inklużi l-interessi speċifiċi u l-bżonnijiet tal-mikrointrapriżi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Kummissjoni għandha tiżgura appoġġ finanzjarju xieraq fil-qafas regolatorju tal-programmi tal-Unjoni eżistenti, b'mod partikolari sabiex ittaffi l-piż finanzjarju fuq il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***;

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tappoġġa l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/8811 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, filwaqt li tifhem il-ħtieġa tiegħu li jaġġorna u jsaħħaħ l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà billi jippermettilha tkopri servizzi tal-industrija importanti u li qed jikbru. Meta wieħed iqis kif l-Istati Membri individwali diġà bdew jadottaw skemi taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, ir-Rapporteur hija tal-fehma li din l-emenda għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà hija kritika biex jiġu evitati diverġenzi sinifikanti fl-iskemi nazzjonali li jirriżultaw f'forma ta' frammentazzjoni tas-suq li tmur kontra l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni, kif ukoll dawk strateġiċi.

Dwar din in-nota, huwa rikonoxxut kif din il-proposta hija prevista biex tikkomplementa l-Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika; b'mod partikolari din l-estensjoni speċifika għall-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà se tippermetti lis-servizzi tas-sigurtà ġestiti – li jikkorrispondu għal "forniturifdati" fl-Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika – ikollhom rwol importanti fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà futura tal-UE. Għalhekk, din il-proposta hija waħda li hija wkoll ta' importanza kbira fit-trawwim ta' kapaċità usa' taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, li l-kapaċità tagħha hija essenzjali biex jiġi miġġieled it-theddid potenzjali f'realtà ġeopolitika li dejjem qed tevolvi.

Fil-limiti tal-proposta tal-Kummissjoni, l-objettiv tar-Rapporteur huwa li tikkonsolida din l-emenda mmirata għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, u żżid aktar ċarezza dwarha. Dan jidher mill-bidliet li għamlet ir-Rapporteur fid-definizzjoni tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, fejn iċċarat li dawn huma "esternalizzati", filwaqt li fl-istess ħin tat dettalji ulterjuri dwar x'jista' jiġi inkluż fid-definizzjoni. L-emendi mressqa rigward ir-rikonoxximent tal-istandards taċ-ċibersigurtà internazzjonali huma maħsuba biex irawmu kalibru ogħla ta' fiduċja filwaqt li fl-istess ħin jiżviluppaw regoli komprensivi tal-UE.

Dan l-abbozz ta' rapport jagħmel enfasi akbar fuq l-indirizzar tad-distakk tal-ħiliet u fl-appoġġ għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju. Dwar tal-ewwel, l-emendi mressqa jibnu fuq il-ħtieġa diġà impliċita tal-ħiliet fl-iskema taċ-ċertifikazzjoni ċibernetika vis-a-vis "il-kompetenza, l-għarfien espert u l-esperjenza meħtieġa minn persunal b'livell għoli ħafna ta' għarfien tekniku rilevanti u integrità professjonali". Fil-fehma tar-Rapporteur, filwaqt li trawwem il-kooperazzjoni fost l-atturi kollha involuti kif ukoll bejn l-Istati Membri, is-settur privat, l-akkademja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni trid taġixxi bħala faċilitatur ta' pjan direzzjonali ġdid għat-taħriġ u l-għoti tas-setgħa lill-forza tax-xogħol, tiġbor aktar data dwar il-ħiliet meħtieġa u tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fi STEM.

Fl-istess ħin, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, li jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea u ċertament għandhom rwol pożittiv fl-industrija taċ-ċibersigurtà, għandhom jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju xieraq fil-qafas regolatorju tal-programmi eżistenti tal-Unjoni biex jittaffa kwalunkwe piż finanzjarju sproporzjonat imqiegħed fuqhom.

ANNEX: LIST OF ENTITIES OR PERSONS FROM WHOM THE RAPPORTEUR HAS RECEIVED INPUT

The following list is drawn up on a purely voluntary basis under the exclusive responsibility of the rapporteur. The rapporteur has received input from the following entities or persons in the preparation of the Draft Report on the *Proposal for a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL amending Regulation (EU) 2019/881 as regards managed security services 2023/0108 (COD).*

Entity and/or person
European Economic and Social Committee
European Commission
ENISA
Leonardo Cyber and Security Solutions
Red Alert Labs IoT Security
ESET Slovak
Board of Cyber
IBM
Tecnalia
FERMA - Federation of European Risk Management Associations